**A.L. 121 ta' l-2003**

**ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)**

**Regolamenti ta' l-2003 dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol**

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija lilu permezz tal-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall Politika Soċjali, flimkien ma' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

**Parti I - Disposizzjonijiet Ġenerali**

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu regolamenti ta' l-2003 dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol. Titolu

**2.** F'dawn ir-Regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta; Kap. 424

"Awtorità" tfisser l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol imwaqqfa permezz ta' l-Artikolu 8 ta' l-Att;

"Ordni" tfisser l-Ordni ta' l-1998 dwar it-Tagħmir Protettiv Personali (Ordni Nru. M34 ta' l-1998) maħruġa mill-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards;*

"tagħmir protettiv personali" tfisser, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-Ordni, kull tagħmir imfassal biex jintlibes jew jiġI miżmum mill-ħaddiem sabiex iħarsu minn periklu jew perikli lis-saħħa u s-sigurtà tiegħu fuq il-post tax-xogħol, u kull oġġett jew aċċessorju mfassal għal dan il-għan, li ma jkunx:

– xi biċċa ħwejjeġ normali tax-xogħol u uniformi mhux imfassla speċifikament għall-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem;

– tagħmir użat minn servizzi ta' emerġenza u salvataġġ;

– tagħmir protettiv personali użat f' meżżi tat-trasport stradali;

– tagħmir ta' l-isports;

– tagħmir għall-awto-difiża jew intiż biex ikun ta' deterrent ;

– tagħmir li jinġarr għall-identifikazzjoni u avviż ta' riski u perikli;

– "Rappreżentant għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiem' u "Rappreżentant' ifissru r-Rappreżentant għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiema maħtur permezz ta' l-artikolu 6(4) ta' l-Att.

Ming[ajr pre;udizzju lid-dispo]izzjonijiet ta' l-Ordni.

**3.** Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-Ordni.

Regola ;enerali.

**4.** Tagħmir protettiv personali għandu jintuża meta r-riskji ma jistgħux jiġu evitati jew limitati biżżejjed minn mezzi tekniċi ta' protezzjoni kollettiva jew minn miżuri, metodi jew proċeduri ta' organiżżazzjoni tax-xogħol, jew kif xort'oħra meħtieġ mill-artikolu 6 (2) ta' l-Att.

## Parti II - L-Obligazzjonijiet ta' Min Iħaddem

Konformità ma' l-Ordni.

**5.** Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jiżgura li, meta jkun japplika, kull tagħmir protettiv personali jkun iħares id-disposizzjonijiet speċifikati fi Skeda 2 ta' l-Ordni.

Iktar minn o;;ett wie[ed ta' tag[mir protettiv personali.

**6.** Fejn il-preżenza ta' aktar minn riskju wieħed teħtieġ li ħaddiem jilbes fl-istess ħin aktar minn oġġett wieħed ta' tagħmir protettiv personali, min iħaddem għandu jiżgura li dak l-apparat ikun kumpatibbli u li jibqa jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti.

Min Ihaddem ghandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' l-użu.

**7.** Min Iħaddem għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' użu ta' tagħmir protettiv personali, b'mod partikolari għal kemm ħin għandu jintlibes, skond il-bażi tas-serjetà tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost għar-riskju, il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol ta' kull ħaddiem u l-operazzjoni tat-tagħmir protettiv personali.

Taghmir li jintlibes minn aktar minn persuna wahda.

**8.** Jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu li tagħmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna waħda, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri xierqa kollha sabiex jiżgura li dan l-użu ma joħloq ebda problema ta' saħħa jew iġjene għall-utenti differenti.

**9.** Min iħaddem għandu jagħti fuq il-post tax-xogħol informazzjoni xierqa li tiftiehem mill-ħaddiema kollha dwar kull oġġett ta' tagħmir protettiv personali meħtieġ taħt ir-Regolamenti 6 u 7.

Għoti ta' informazzjoni xierqa.

**10.** (1) Tagħmir protettiv personali għandu jingħata mingħajr ebda ħlas minn min iħaddem.

Tagħmir għandu jingħata b'xejn.

(2) Min iħaddem għandu jiżgura li t-tagħmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni iġjenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' biċċiet meħtieġa.

**11.** Qabel ma xi ħaddiem juża tagħmir protettiv personali, min iħaddem għandu javżah dwar ir-riskji li t-tagħmir ikun qed iħarsu kontrihom.

Dmir li l-ħaddiema jiġu avżati dwar ir-riskji involuti.

**12.** Min iħaddem għandu jagħmel arranġamenti għat-tħarriġ u, jekk meħtieġ, jorganizza dimostrazzjonijiet dwar l-ilbies u l-użu xieraq tat-tagħmir protettiv personali.

Sħarriġ u dimostrazzjonijiet.

**13.** (1) Salvi ċirkostanzi e"ezzjonali, tagħmir protettiv personali għandu jintuża biss għall-iskopijiet speċifikati skond l-istruzzjonijiet mogħtija lill-ħaddiema minn min iħaddem.

Tagħmir għandu jintuża kif speċ ifikat, skond l-istruzzjonijiet.

(2) Dawk l-istruzzjonijiet għandhom ikunu tali li jinftiehmu mill-ħaddiema.

**14.** (1) Qabel ma jagħżel tagħmir protettiv personali, min iħaddem għandu jara li t-tagħmir li bi ħsiebu juża jkun iħares ir-rekwiżiti tar-regolamenti 6 u 7.

Dmir ta' min iħaddem li jeżamina t-tagħmir.

(2) Dawk l-istimi għandhom jinkludu:

(a) analiżi u stima ta' riskji li ma jistgħux jiġu evitati b'meżżi oħrajn;

(b) il-karatteristiċi li t-tagħmir protettiv personali għandu jkollu sabiex ikun effettiv kontra r-riskji msemmija f' paragrafu (a), b'kunsiderazzjoni ta' xi riskji li t-tagħmir innifsu jista' joħloq;

(ċ) tqabbil tal-karatteristiċi tat-tagħmir protettiv personali mal-karatteristiċi msemmija f' paragrafu (b).

(3) Kull stima għandha tiġi riveduta jekk ikun hemm xi tibdil f'xi element tagħha.

Regoli għall-użu

**15.** (1) Sabiex jiġu stabbiliti s-sitwazzjonijiet u ċ-ċirkostanzi meta tagħmir protettiv personali għandu jingħata lill-ħaddiema, kif ukoll in-natura u t-tip ta' tagħmir protettiv personali li għandu jingħata, min iħaddem għandu jiġi ggwidat mir-riżultati ta' l-istimi tar-riskji mwettqa skond ir-regolament 14, kif ukoll skond l-Annessi ta' dawn ir-regolamenti, li għandhom ikunu regoli għall-użu ta' tagħmir protettiv personali, u regoli li jkopru każijiet u sitwazzjonijiet fejn min iħaddem għandu jagħti tagħmir protettiv personali.

(2) Dawn ir-regoli għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-prijorita' li għandha tingħata lil miżuri ta' ħarsien kollettivi u meta l-użu ta' tagħmir protettiv personali huwa meħtieġ.

(3) Min iħaddem għandu jirreferi wkoll għal kull tibdil importanti għar-riskju, għall-mezzi ta' ħarsien kollettivi u għat-tagħmir protettiv personali li jsir minħabba fi żviluppi teknoloġiċi.

Informazzjoni għall-ħaddiema.

**16.** Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 6 (3) ta' l-Att, min iħademm għandu javża lill-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom dwar il-miżuri kollha li għandhom jittieħdu fir-rigward tas-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema meta jkun qed jintuża fuq ix-xogħol tagħmir protettiv personali.

Kap. 424

A.L. Numru 36 ta' l-2003

**17.** (1) Rappreżentant għas-Saħħa u għas-Sigurtà tal-Ħaddiema għandu jiġi kkonsultat skond ma hemm speċifikat fl-artikolu 6 (4) ta' l-Att, u skond ir-Regolamenti dwar id-Dispożizzjonijiet Ġenerali għas-Saħħa u s-Sigurtà fil-postijiet tax-Xogħol.

(2) Rappreżentant għas-Saħħa u għas-Sigurtà tal-Ħaddiema għandu d-dritt jitlob lil min iħaddem sabiex jieħu miżuri adatti u sabiex jagħtih proposti għal dak il-għan sabiex inaqqas il-perikli għall-ħaddiema u, jew ineħħi kull kawża tal-periklu.

(3) Rappreżentant għas-Saħħa u għas-Sigurtà tal-Ħaddiema m'għandux jiġi żvantaġġjat minħabba l-attivitajiet tiegħu.

Fuq min taqa' l-prova

**18.** F'kull proċedimenti għal reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa sa' fejn huwa prattikabbli jew sa' fejn huwa raġonevolement prattikabbli, jew li jintużaw l-aħjar mezzi prattikabbli, l-akkużat ikollu jġib prova skond il-każ li ma kienx prattikabbi jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar għall-ħarsien tad-dmir jew tar-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar milli fil-fatt kien intuża biex jiġI sodisfatt dmir jew rekwiżit.

**19.** Kull persuna li xjentement jew bi traskuraġni tindaħal fil-proċess li post tax-xogħol ikun sigur u san, ikun ħati ta' reat. Reati.

**20.** Regolament 36 tar-Regolamenti ta' l-1986 dwar il-Fabbriki (Saħħa, Skansar u Ħsibijiet Ħenerali) huwa b'dawn imħassar. ThassirA.L. 52 ta' l-1986.

## Anness I
## Lista ta' sorveljar tar-riskju għall-użu ta' tagħmir protettiv personali

**RISKJI**

**FIŻIĊI**
MEKKANIĊI
Waqgħat mill-għoli
Daqqiet, qtugħ, impatt, tgħaffiġ
Daqqiet bil-ponta, qtugħ, brix
Vibrazzjoni
Żlieq, waqgħat
TERMALI
Sħana, nar
Kesħa ELETTRIĊI
RADJAZZJONI
Mhux jonizzanti
Jonizzanti
STORBJU

**KIMIĊI**
*AEROSOLS*
Trab, fibri
Fogi
Fwar
LIKWIDI
Immersjoni Ċarċir, fawriet
GASSIJIET, FWAR

**BIJOLOĠIĊI**
Batterji li jagħmlu ħsara
*Viruses* li jagħmlu ħsara
Fungi mikotiċi
Antiġeni bijoloġiċi mhux mikrobi

**PARTIJIET TAL-ĠISEM LI JEĦTIEĠU ĦARSIEN**
Kranju
Widnejn
Għajnejn
Passaġġ respiratorju
Wiċċ
Ir-ras kollha
Idejn
Dirgħajn (partijiet)
Saqajn
Riġlejn (partijiet)
Ġilda
Is-sider u ż-żaqq
Passaġġi parenterali
Il-ġisem kollu

## Anness II
## Lista mhix esklussiva li sservi ta' gwida għal oġġetti ta' tagħmir protettiv personali

PROTEZZJONI TAR-RAS

- Elmi protettivi għall-użu fl-industrija (minjieri, postijiet ta' bini, użu industrijali ieħor)
- Protezzjoni tal-ġilda tal-qorriegħa tar-ras (kpiepel, brieret, xbieki tax-xagħar bi, jew mingħajr protezzjoni mix-xemx għall-għajnejn)
- Tagħmir tar-ras protettiv (brieret, kpiepel, *sou'westers*, eċċ tad-drapp, drapp bi protezzjoni, eċċ)

PROTEZZJONI TAS-SMIEGĦ

- *Earplugs* u apparat bħalhom- Elmi akustiċi
- Protezzjoni għall-widnejn li jista' jitwaħħal ma' elmi industrijali
- Protezzjoni tal-widnejn b'riċevitur għal *LF induction loop*
- Protezzjoni tal-widnejn b'tagħmir għall-*intercom*

PROTEZZJONI TA' L-GĦAJNEJN U TAL-WIĊĊ

- Nuċċalijiet
- Maskri
- Maskri għall-X ray, maskri għar-raġġi tal-*laser*, maskri għar-radjazzjoni *ultra-violet*, *infra-red* u viżibbli
- Protezzjoni tal-wiċċ
- Maskri u elmi għall-issaldar (maskri li jinżammu fl-idejn, maskri li jintrabtu mar-ras jew maskri li jistgħu jitwaħħlu ma' elmi protettivi)

PROTEZZJONI RESPIRATORJA

- Filtri għat-trab, filtri għall-gass u filtri għat-trab radjuattiv
- Apparat insulatorju b'forniment ta' l-arja
- Apparat respiratorju inkluża maskra ta' l-issaldar li tista' titneħħa
- Tagħmir għall-bugħaddasa
- Ilbies għall-bugħaddasa

PROTEZZJONI TA' L-IDEJN U TAD-DIRGĦAJN

- Ingwanti li jagħtu protezzjoni:
- Minn makkinarju (tniffid, qtugħ, vibrazzjonijiet, eċċ),
- Minn kimiċI
- Għall-*electricians* u mis-sħana
- Ingwanti
- Protezzjoni tas-swaba
- Ilbies għal fuq il-kmiem
- Protezzjoni tal-polz għal xogħol iebes
- Ingwanti mingħajr swaba
- Ingwanti protettivi

PROTEZZJONI TAR-RIĠLEJN U TAS-SAQAJN

- Żraben baxxi, stivali sa' l-għaksa, stivali sal-pexxun, stivali protettivi
- Żraben li għandhom lazz li jista' jitneħħa malajr
- Żraben li għandhom bi“a żejda protettiva għas-swaba
- Żraben u lbies għal fuq Iż-żraben b'suletti li jifilħu għas-sħana
- Żraben, stivali u lbies għal fuq l-istvali li jifilħu s-sħana
- Żraben, stivali u lbies għal fuq l-istvali termali
- Żraben, stivali u lbies għal fuq l-istivali li jifilħu għal vibrazzjonijiet
- Żraben, stivali u lbies għal fuq l-istvali anti-statiċI
- Żraben, stivali u lbies għal fuq l-istivali insulatorji
- Stivali protettivi għal min juża s-srieraq bis-snien
- Zukkletti - Kisi għall-irkoppa
- Protezzjoni għal wi“ is-sieq li jista' jitneħħa
- Getti
- Suletti li jistgħu jitneħħew (li jifilħu s-sħana, li ma jittaqbux jew tajbin għall-għaraq)
- Ponot għas-silġ, borra jew art li tiħloq li jistgħu jitneħħew

PROTEZZJONI TAL-ĠILDA

- Kremi jew ingwenti protettivi

PROTEZZJONI TAS-SIDER U TAŻ-ŻAQQ

- Sdieri, ġgieget u fradal protettivi li jagħtu protezzjoni minn makkinarju (qtugħ, titjir ta' ħadid maħlul, eċċ)
- Sdieri, ġgieget u fradal protettivi li jagħtu protezzjoni minn kimiċi
- Sdieri msaħħna
- Ġgieget għas-salvataġġ
- Fradal protettivi kontra l-***x-ray*****s**
- Ċinturini għall-ġisem kollu

PROTEZZJONI TAL-ĠISEM KOLLU

**Tagħmir imfassal sabiex jipprevjeni l-waqgħat**

- Tagħmir għall-prevenzjoni tal-waqgħat (tagħmir kollu bl-aċċessorji kollha meġtieġa)
- Tagħmir li jassorbi l-enerġija kinetika (tagħmir kollu bl-aċċessorji kollha meħtieġa)
- Apparat li jżomm il-ġisem (ċingi ta' sigurtà) Ilbies protettiv
- Ilbies tax-xoġġol ċprotettiv' (f'żewġ biċċiet u *overalls*)
- Ilbies li jagħti protezzjoni minn makkinarju (qtugħ, eċċ)
- Ilbies li jagħti protezzjoni minn kimiċI
- Ilbies li jagħti protezzjoni minn titjir ta' ħadid maħlul u radjazzjoni *infra-red*
- Ilbies li jiflaħ għas-sħana
- Ilbies termali
- Ilbies li jagħti protezzjoni minn kontaminazzjoni radjoattiva
- Ilbies li ma jħallix li jidħol trab
- Ilbies li ma jħallix li jidħol gass
- Ilbies u aċċessorji li għandhom sinjali florexxenti, *retro-reflecting* (faxxi ta' l-idejn, ingwanti, eċċ)Kisi protettivi

**Anness III**

**Lista mhix esklussiva u li sservi ta' gwida għal attivitajiet u oqsma ta' attività li jistgħu jeħtieġu l-għotja ta' tagħmir protettiv personali.**

1. PROTEZZJONI TAR-RAS (PROTEZZJONI TAL-KRANJU)

**Elmi protettivi**

- Xogħol ta' bini, b'mod partikolari fuq, taħt jew ħdejn *scaffolding* u postijiet tax-xogħol elevati, erezzjoni u qxur ta' xogħol strutturali, xogħol ta' armar u istallazzjoni, xogħol fuq *scaffolding* u xogħol ta' demolizzjoni
- Xogħol fuq pontijiet ta' l-azzar, fabbrikazzjoni ta' bini ta' l-azzar, arbli, torrijet, strutturi idrawliċi ta' l-azzar, fran qawwija, xogħolijiet fl-azzar u mtieħen ta' l-irrumblar, reċipjenti kbar, linji ta' katusi kbar, impjanti b'*boilers* u *power stations*
- Xogħol fil-fosos, fit-trinek, fl-ispieri u fil-galleriji
- Xogħol fl-art u fil-blat
- Xogħol ta' taħt l-art, fil-barrieri, f'ħafriet miftuħin, fit-tneħħija ta' *stock* tal-faħam
- Xogħol b'magni li jdaħħlu l-iskrafen
- Xogħol ta' *blasting*
- Xogħol ħdejn *lifts*, apparat li jerfa', krejnijiet u *conveyors*
- Xogħol bi fran kbar, impjanti ta' *direct reduction*, xogħol ta' l-azzar, mtieħen ta' l-irrumblar, xogħol fil-ħadid, fil-forġa, fid-*drop forging* u fl-iffurmar bis-sħana
- Xogħol bil-fran, reċipjenti, makkinarju, fosos (*silos*), *bunkers* u linji ta' katusi industrijali
- Bini tal-bastimenti
- Xogħol ta' manuvri ta' linji tat-tren
- Biċċeriji

2. PROTEZZJONI TAS-SAQAJN

**Żraben tas-sigurtà b'sulletti li ma jittaqqbux**

- Xogħol fil-karkassi, xogħol fil-pedimenti u fit-toroq
- Xogħol fuq l-i*scaffolding*
- It-tkissir ta' xogħol fil-karkassi
- Xogħol fil-konkos f'biċċiet fabbrikati minn qabel li jinvolvi xogħol ta' erezzjoni u tqaxxir ta' forom
- Xogħol fuq il-postijiet tax-xogħol, magazzini u mħażen ta' kuntratturi
- Xogħol fuq il-bjut |raben tas-sigurtà mingħajr suletti li ma jittaqbux
- Xogħol fuq pontijiet ta' l-azzar, fabbrikazzjoni ta' bini ta' l-azzar, arbli, torrijet, strutturi idrawliċi ta' l-azzar, fran qawwija, xogħolijiet fl-azzar u mtieħen ta' l-irrumblar, reċipjenti kbar, linji ta' katusi kbar, impjanti b'*boilers* u *power stations*
- Fabbrikazzjoni ta' fran, l-istallazzjoni ta' apparat ta' sħana u ta' ventilazzjoni u xogħol ta' armar ta' metall
- Xogħol ta' konverżjoni u ta' manutenzjoni
- Xogħol bi fran kbar, impjanti ta' *direct reduction*, xogħol ta' l-azzar, mtieħen ta' l-irrumblar, xogħol fil-ħadid, fil-forġa, fil-*drop forging* u fl-iffurmar bis-sħana, *hot pressing* u *drawing plants*
- Xogħol fil-barrieri, f'ħafriet miftuħin, fit-tneħħija ta' *stock* tal-faħam
- It-tħaddim u l-ipproċessar tal-blat

- Il-fabbrikazzjoni, tħaddim u pproċessar ta' ħġieġ ċatt u ta' reċipjenti tal-ħġieġ
- Xogħol fil-forom fl-industrija taċ-ċeramika
- Il-kisi ta' kalkari fl-industrija taċ-ċeramika
- Xogħol ta' ffurmar fix-xogħol taċ-ċeramika u fl-industrija tal-materjali għall-bini
- Trasport u ħazna
- Xogħol fil-blokki ta' laħam iffriżat u fl-ippakkjar ta' ikel priservat
- Bini ta' bastimenti
- Xogħol ta' *shunting* tal-ferroviji lraben tas-sigurtà bi tkaken jew kavilji u suletti li ma jittaqqbux
- Xogħol fuq il-bjut lraben protettivi b'sulletti insulati
- Xogħol bi, u fuq materjal sħun jew kiesaħ ħafna lraben tas-sigurtà li jistgħu jitneħħew malajr
- Fejn hemm riskju ta' dħul ta' sustanzi mdewwba

3. PROTEZZJONI TA' L-GĦAJNEJN JEW TAL-WIĊĊ

**Maskri, ilqugħ għall-wiċċ**

- Isssaldar, xogħol ta' tfarrik u ta' frid
- Tqalfit u tnaqqix
- Tħaddim u pproċessar tal-blat
- Xogħol b'magni li jdaħħlu l-iskrafen
- Xogħol fuq magni li jneħħu il-*stock* għal laqxiet żgħar
- *Drop forging*
- It-teħħija u t-tkissir ta' biċċiet
- L-ispprejar ta' sustanzi abrażivi
- Xogħol b'aċidi u taħlit kawstiku, diżinfettenti u prodotti tat-tindif korrożivi
- Xogħol bi *sprays* likwidi
- Xogħol bi, u ħdejn sustanzi mdewwba
- Xogħol bi sħana radjanti
- Xogħol b'*lasers*

4. PROTEZZJONI RESPIRATORJA Apparat għar-respirazzjoni u għan-nifs

- Xogħol f'reċipjenti, wesgħat ristretti u fran industrijali b'nar minn gass fejn jista' jkun hemm gass jew nuqqas ta' ossiġenu
- Xogħol ħdejn iċ-*charge* ta' forn kbir
- Xogħol ħdejn konverturi ta' gass u katusi ta' fran kbar
- Xogħol ħdejn il-vitien ta' fran kbar fejn jista' jkun hemm dħaħen ta' metalli tqal
- Xogħol fuq il-kisi ta' fran u *ladles* fejn jista' jkun hemm trab
- Żebgħa bi *spray* fejn it-tnaddif mit-trab mhux xieraq
- Xogħol fi spieri, fid-drenaġġ u wesgħat taħt l-art imsensla bid-drenaġġ
- Xogħol f'impjanti refriġatorji fejn hemm ir-riskju li r-refriġerant jista' jaħrab

5. PROTEZZJONI TAS-SMIEGĦ

**Protezzjoni għall-widnejn**

- Xogħol bil-pressi tal-ħadid
- Xogħol bi drillijiet pnewmatiċi
- Xogħol ta' l-impjegati li jaħdmu l-art fl-ajruporti

- Xogħol ta' *pile-driving*
- Xogħol bl-injam u bit-tessili

6. PROTEZZJONI TAL-ĠISEM, TAD-DIRGĦAJN U TA' L-IDEJN

**Ilbies protettiv**

- Xogħol b'aċidi u taħlit kawstiku, diżinfettanti u sustanzi tat-tindif korrożivi
- Xogħol bi, jew ħdejn materjali sħan u fejn jinħassu l-effetti tas-sħana
- Xogħol fuq prodotti ta' ħġieġ ċatt
- *Shot blasting*
- Xogħol fi kmamar ta' friża qawwija Ilbies li jiflaħ għan-nar
- Issaldjar f'wesgħat ristretti Fradal li ma jittaqqbux
- Xogħol ta' iddissussar u ta' qtugħ
- Xogħol bi skieken ta' l-idejn li jinvolvi l-ġbid tas-sikkina lejn il-ġisem Fradal tal-ġilda
- ssaldjar
- Iffurmar bis-sħana
- Iffurmar bit-tidwib Protezzjoni tad-dirgħajn
- Iddissussar u qtugħ Ingwanti
- Issaldjar
- L-immanniġġjar ta' oġġetti bil-ponot jaqtgħu, ħlief magni fejn hemm il-periklu li tinqabad l-ingwanta
- Xogħol mhux protett b'aċidi u b'taħlit kawstiku Ingwanti tal- *mesh* tal-metall
- Iddissussar u qtugħ
- Qtugħ regolari b'sikkina ta' l-idejn għall-fabbrikazzjoni u għall-qtil ta' l-annimali
- It-tibdil tas-skieken ta' magni li jaqtgħu

7. ILBIES LI JIFLAĦ GĦAT-TEMP

- Xogħol fil-beraħ fix-xita u fil-kesħa

8. ILBIES RIFLETTIV

- Xogħol fejn il-ħaddiema għandhom ikunu jidhru sew

9. ĊINGI TAS-SIGURTÀ

- Xogħol fuq *scaffolding*
- Armar ta' biċċiet fabbrikati minn qabel
- Xogħol fuq arbli

10. HBULA TA' SIGURTÀ

- Xogħol fil-kmamar ta' krejnijiet għoljin
- Xogħol fi kmamar għoljin ta' ippustjar ta' magazzini u ta' tagħmir ta' ħatt
- Xogħol f'oqsma għoljin ta' turretti li jħaffru
- Xogħol fi spieri u fid-drenaġġ

11. PROTEZZJONI TAL-ĠILDA

- L-ipproċessar ta' materjal miksi
- L-ikkunzjar